# X'tgħallimt

1. Il-quddiesa hija l-ikbar u l-aktar talba importanti għalina l-Insara.
2. Il-quddiesa tfakkarna li aħna komunità – il-familja ta' Alla – li qed tinġabar flimkien madwar Ġesù fl-Ewkaristija.
3. Fil-quddiesa nerġgħu ngħixu mill-ġdid it-tbatija, il-mewt u r-rebħa ta' Ġesù fuq il-mewt u d-dnub.
4. Il-quddiesa tagħtina ċ-ċans li naqsmu mal-oħrajn lil Ġesù stess li nkunu rċevejna ġewwa fina permezz tal-Kelma tiegħu u permezz tat-Tqarbin.
5. Biex inkunu nistgħu nagħmlu dan kollu, fil-quddiesa nsibu partijiet differenti. F'kull parti tal-quddiesa nkunu qegħdin nieħdu sehem f'talb speċjali li jgħinna nifhmu dak li nkunu qegħdin niċċelebraw.

